MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2007

Numru 968/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**

**KONTRA**

**STEPHEN MIFSUD**
**PAULINE PISANI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Stephen Mifsud ta’ 35 sena, bin Carmel u Maria nee’ Debono, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-8 ta’ Lulju, 1972, residenti l-Belt Valletta, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 425172M;
U Pauline Pisani ta’ 21 sena, bint Harry u Maria nee’ Pisani, imwielda nhar id-9 ta’ Novembru, 1985, u bla indirizz fiss, detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 558785M.

Akkuzati talli:

1. Bejn Gunju u Settembru 2007, bil-hsieb li jezorcitaw flus jew xi haga ohra, jew li jaghmlu xi qliegh, jew bil-hsieb li jgieghlu lill-persuna ohra, u cioe' lil Kevin Cutajar jesegwixxi, jiddistruggi, iqalleb jew ibiddel testament jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, heddew li jaghmlu denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghtu malafama lil dik il-persuna jew persuna ohra, u permezz ta' dan it-theddid waslu fil-hsieb taghhom billi ggwadanjaw erbat elef mija u tmenin lira maltin (Lm4180.00);

**Pauline Pisani wahidha** akkuzata talli:

2. Bejn Gunju u Settembru 2007, gewwa l-Marsa, Ta' Xbiex u f'dawn il-Gzejjer, fi triq jew post iehor pubbliku, tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali;

3. U aktar talli rrendiet ruhha recediva b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

**Stephen Mifsud wahdu** akkuzat talli:

4. Bejn Gunju u Settembru 2007 xjentement ghex ghal kollox jew f'parti minn fuq il-qliegh tal-prostituzzjoni ta' persuna ohra;

5. U kif ukoll talli rrenda ruhu recediv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu, kif ukoll bi ksur tal-Probation a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), u lliberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet l-ammissjoni tal-imputati fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, wara li nghataw zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkunsidraw din l-ammissjoni taghhom;

Wara li rat l-Artikoli 7(1) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Artikoli 63, 250, 49 u 50, 22 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta **fil-konfront ta’ Stephen Mifsud wahdu**;

U kif ukoll l-Artikoli 63, 250, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta **fil-konfront ta’ Pauline Pisani wahidha**.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imputati Stephen Mifsud u Pauline Pisani hatja tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontriehom, u ghaldaqstant tikkundannahom ghal erba’ (4) snin u tlitt (3) snin prigunerija rispettivament.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------